DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1521

tal-10 ta' Ottubru 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2009/11/KE li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Spanja

(notifikata bid-dokument C(2018) 6507)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 20(p) u (t) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li, għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal, il-kontenut tal-laħam dgħif irid jiġi vvalutat permezz ta' metodi ta' gradazzjoni awtorizzati mill-Kummissjoni u jistgħu jiġu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati statistikament ibbażati fuq il-kejl fiżiku ta' parti anatomika waħda jew aktar tal-karkassa tal-majjal. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-metodi ta' gradazzjoni tkun soġġetta għall-konformità ma' tolleranza massima għall-iżbalji statistiċi fil-valutazzjoni. Dik it-tolleranza hija ddefinita fil-Parti A tal-Anness V tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1182 ([2]).

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/11/KE ([3]), ġie awtorizzat l-użu ta' tmien metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Spanja.

(3) Spanja talbet lill-Kummissjoni tawtorizza metodu ieħor ġdid għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fit-territorju tagħha, u ppreżentat deskrizzjoni ddettaljata tal-prova tad-dissezzjoni, u indikat il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat dan il-metodu, ir-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni tiegħu u l-ekwazzjoni użata biex jiġi vvalutat il-perċentwali tal-laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1182.

(4) Eżami ta' dik it-talba żvela li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dan il-metodu ta' klassifikazzjoni huma ssodisfati. Għalhekk, jenħtieġ li dan il-metodu ta' klassifikazzjoni jiġi awtorizzat fi Spanja.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2009/11/KE tiġi emendata skont dan.

(6) Jenħtieġ li l-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni ma jiġux permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2009/11/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-użu tal-metodi li ġejjin huwa awtorizzat għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali skont il-punt 1 tat-Taqsima B. IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fi Spanja:

(a) l-apparat "Fat-O-Meat'er (FOM)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 1 tal-Anness;

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1182 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskali tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ u dwar ir-rapportar tal-prezzijiet tas-suq ta' ċerti kategoriji ta' karkassi u annimali ħajjin (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 74).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/11/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Spanja (ĠU L 6, 10.1.2009, p. 79).

(b) l-apparat "Fully automatic ultrasonic carcase grading (Autofom)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 2 tal-Anness;

(c) l-apparat "Ultrafom 300" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 3 tal-Anness;

(d) l-apparat "Automatic vision system (VCS2000)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 4 tal-Anness;

(e) l-apparat "Fat-O-Meat'er II (FOM II)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 5 tal-Anness;

(f) l-apparat "AutoFOM III" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 6 tal-Anness;

(g) il-"metodu manwali (ZP)" b'riga u l-metodi ta' valutazzjoni relatati miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 7 tal-Anness;

(h) l-apparat "CSB-Image-Meater" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 8 tal-Anness;

(i) l-apparat "gmSCAN" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 9 tal-Anness.

Il-metodu manwali ZP b'riga, imsemmi fil-punt (g) tal-ewwel paragrafu, għandu jiġi awtorizzat biss għall-biċċeriji:

(a) li fihom ma jinqatlux iktar minn 500 majjal fil-ġimgħa fuq bażi medja annwali; kif ukoll

(b) li jkollhom linja tal-qatla li fiha ma jkunux jistgħu jiġu pproċessati aktar minn 40 majjal fis-siegħa.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671)."

(2) L-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/11/KE, tiżdied il-Parti 9 li ġejja:

"**Parti 9**

gmSCAN

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala 'gmSCAN'.

2. Il-gmSCAN juża l-induzzjoni manjetika biex jiddetermina l-karatteristiċi dielettriċi tal-karkassi mingħajr kuntatt. Is-sistema ta' kejl hija magħmula minn numru ta' koljaturi ta' trażmettitur li jiġġeneraw kamp manjetiku ta' intensità varjabbli u baxxa. Il-koljaturi tar-riċevitur jikkonvertu s-sinjal mill-perturbazzjoni tal-kamp manjetiku kkawżata mill-karkassa f'sinjal elettriku kumpless, relatat mal-parametri dielettriċi tat-tessuti tal-muskoli u tax-xaħam tal-karkassa.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 55{,}14067 + 1\ 598{,}66166 \times (Q1/CW) - 579{,}58575 \times (Q2/CW) + 970{,}83879 \times (Q3/CW) - 0{,}18993 \times CW$$

fejn:

$\hat{Y}$ = il-perċentwali tal-laħam dgħif stmat f'karkassa;

Q1, Q2 u Q3 = ir-rispons tal-Induzzjoni Manjetika (f'Volts) mill-parti tal-perżut, tan-nofs u tal-ispalla rispettivament;

CW = il-piż sħun tal-karkassa (f'kilogrammi)

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramm (f'piż tal-karkassa sħuna)."